



Brussell, 30 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

13388/25  
ADD 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0305 (NLE)**

---

---

**AGRI 454  
FAO 45  
ENV 911  
RGA 5**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 564 annex
Suġġett:	ANNESSTAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ndan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-lkel u l-Agrikoltura fir-rigward ta' ċerti proposti sottomessi għall-adozzjoni matul il-11-il sessjoni tiegħu

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 564 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 564 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.9.2025  
COM(2025) 564 final

ANNEX 1

**ANNESS**

**tad-**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura fir-rigward ta' ċerti proposti sottomessi għall-adozzjoni matul il-11-il sessjoni tiegħu**

## Anness I

### ABBOZZ TA' EMENDA TAL-ANNESS I TAT-TRATTAT INTERNAZZJONALI DWAR IR-RIŻORSI ĠENETIĊI TAL-PJANTI GĦALL-IKEL U L-AGRIKOLTURA

1. Il-pożizzjoni tal-Unjoni hija li l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema multilaterali ta' aċċess u ta' qsim tal-benefiċċji (“is-Sistema multilaterali”) għandu jiġi estiż kemm jista' jkun biex ikopri r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti kollha għall-ikel u l-agrikoltura. Għalhekk, fl-Anness I tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agricoltura (“it-Trattat”), għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-listi tal-għelejjel tal-ikel u tal-foraġġi:

*“Bħala żieda mal-għanijiet u mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-Trattat, f'konformità mal-Artikolu 3, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(3), il-punt (h) tiegħu, is-Sistema Multilaterali għandha, minbarra l-għelejjel tal-ikel u l-foraġġi elenkati hawn fuq, tkopri r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti l-oħrajn kollha għall-ikel u għall-agrikoltura, inklużi dawk ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura li qabel kienu eżentati jew esklużi fil-lista ta' hawn fuq, li huma taħt il-ġestjoni u l-kontroll tal-Partijiet Kontraenti u fl-isfera pubblika u li jinsabu f'kollezzjonijiet ex situ. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda, kwalunkwe aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' jew ađeżjoni mat-Trattat għandha tinkludi din l-emenda.”.*

2. Bħala għażla ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat il-kompromess, jekk ma jsirx qbil fuq il-pożizzjoni tal-Unjoni indikata fil-punt 1 ta' dan l-Anness, il-paragrafu addizzjonali li ġej jista' jiżdied mal-Anness I tat-Trattat, wara l-lista tal-għelejjel tal-ikel u tal-foraġġi u għandu jiżdied mal-parti fil-virgoletti u bil-korsiv taħt il-punt 1 ta' dan l-Anness:

*“Fiż-żmien tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tagħha ta' din l-emenda, Parti Kontraenti tista', b'mod eċċezzjonali, tiddikjara ċerti speċi u numru limitat ta' speċi nattivi għat-territorju tagħha, li hija ma tkunx se tagħmel disponibbli skont it-termini u l-kundizzjonijiet tas-Sistema Multilaterali. Tali dikjarazzjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' kwalunkwe Parti Kontraenti oħra relatata mal-ispeċi msemmija, lanqas dawk taċ-Ċentri Internazzjonali għar-Riċerka Agrikola tal-Grupp Konsultattiv dwar ir-Riċerka Agrikola Internazzjonali jew istituzzjonijiet internazzjonali oħra li jkunu kkonkludew ftehim mal-Korp Governattiv skont l-Artikolu 15 ta' dan it-Trattat. Parti Kontraenti tista' tirtira d-dikjarazzjoni tagħha fi kwalunkwe ħin, jew telimina r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u għall-agrikoltura mil-lista tagħha fi kwalunkwe ħin, iżda ma għandha tagħmel l-ebda dikjarazzjoni addizzjonali.”.*